# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1034/18/2 AF**

**Joseph Deguara**

**v.**

**Marco Deguara u Romina Deguara**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti Marco u Romina Deguara minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-7 ta' Diċembru, 2022, fejn il-konvenuti ġew ikkundannati biex iħallsu lill-attur Joseph Deguara s-somma ta' €33,160, bl-imgħax legali sakemm isir il-ħlas tad-dejn kollu.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-22 ta' Ottubru, 2018, l-attur Joseph Deguara fisser li fis-6 ta' Settembru, 2007, hu u Adrianne Grima ffirmaw konvenju mal-konvenuti biex jixtru mingħandhom mezzanin f'Birżebbuġa. L-attur jgħid li huwa għamel ħafna xogħlijiet fuq il-mezzanin sakemm dan kien taħt il-konvenju. Barra minn hekk huwa jgħid, li b'ħarsien mal-ewwel klawsola tal-konvenju huwa ħallas lill-konvenuti s-somma ta' Lm2,000 sat-30 ta' Settembru, 2007, is-somma ta' Lm8,000 sal-31 ta' Ottubru, 2007 u wettaq ukoll ħlasijiet ta' Lm145 kull xahar.

3. L-attur ikompli billi jgħid li fl-2013, huwa kien aċċetta talba tal-konvenuti biex jinħallu minn dan il-konvenju u biex iroddilhom lura l-mezzanin, basta li huwa jitħallas mingħandhom is-somma ta' €23,293.73 għall-ħlasijiet li huwa kien għamlilhom skont il-konvenju u s-somma ta' €16,706.26 bħala kumpens għax-xogħlijiet li kien għamel fl-istess mezzanin. B'kollox għalhekk €40,000.

4. Sadattant l-attur jgħid li huwa ssellef €10,000 mill-bank, li €8,500 tahom lil Adrianne Grima biex ma tibqax aktar ikollha x'taqsam mal-mezzanin u €1,500 lill-konvenuti biex jissanzjonaw il-bejt u l-kamra li hemm mibnija fuqu. Skont l-attur intlaħaq ftehim mal-konvenuti, biex

huma jħallsuh lura dawn l-€10,000.

5. L-attur iżid li fit-13 ta' Mejju, 2013, huwa ffirma kitba privata mal-konvenuti fejn dawn intrabtu li jħallsuh €40,000. Minn dan l-ammont huwa jgħid li fadal bilanċ ta' €35,900. U billi dan l-ammont baqa' ma tħallasx, huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Ewwel Qorti sabiex

> *«1. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment bħala debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' ħamsa u tletin elf u disa' mitt ewro (€35,900) oltre l-imgħax dekorribli skont il-ligi;*
>
> *2. Tordna lill-konvenuti sabiex iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' ħamsa u tletin elf u disa' mitt ewro (€35,900) oltre l-imgħax dekorribli skont il-liġi fuq l-imsemmija somma.*
>
> *Bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti li huma minn issa inġunti in subizzjoni.»*

6. Il-konvenuti Marco u Romina Deguara laqgħu għal dawn it-talbiet billi wieġbu fid-19 ta' Novembru, 2018: (i) li mhux minnu li huma solidalment midjunin mal-attur; (ii) li l-kitba privata hija frott ta' frodi għaliex din qatt ma ġiet iffirmata minn Marco Deguara; (iii) li jiċħdu li baqa' xi bilanċ dwar is-sanzjonar tal-bejt; u (iv) li l-ebda ammont ma huwa dovut minnhom.

7. B'sentenza mogħtija fis-7 ta' Diċembru, 2022, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-attur iżda sas-somma ta' €33,160, bl-imgħax legali sal-ħlas effettiv. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*«Ikkunsidrat illi din hija azzjoni dwar ħlas li l-konvenuti huma obbligati illi jagħmlu favur l-attur ai termini ta' skrittura privata ffirmata bejn l-attur u l-konvenut ħuħ fit-13 ta' Mejju 2015. Il-konvenuti wieġbu li mhuwiex minnu li huma debituri tal-attur fl-ammont minnu indikat. Ċaħdu wkoll illi għad fadal jitħallas xi bilanċ dwar sanctioning. In oltre, ġie eċċepit ukoll illi l-konvenut Marco Deguara ma ffirma ebda ftehim u li l-ftehim li jakkampa fuqu l-attur biex jissostanzja t-talba tiegħu mhu xejn għajr frodi perpetrata mill-istess attur.*

*Mill-provi jirriżulta illi l-intimati huma l-proprjetarji tal-fond numru 83A, Triq l-Għanejja, Qajjenza. L-intimati esprimew ix-xewqa li jibnu sular ieħor bil-ħsieb li jkun hemm mezzanin u appartament sovrastanti. L-intimati kien fi ħsiebhom jabitaw fl-appartament waqt illi jikru jew ibiegħu l-mezzanin. Il-partijiet ftehmu illi l-attur jixtri l-appartament mingħand ħuh tant illi b'konvenju tas-6 ta' Settembru 2007 iffirmat quddiem in-Nutar Ritienne Buġeja Fenech, il-partijiet ftehmu illi l-mezzanin kellu jinbiegħ lill-attur għas-somma ta' Lm45,000. Fuq il-konvenju l-attur ħallas depożitu fis-somma ta' Lm10,000 u l-partijiet ftehmu wkoll dwar modalità ta' ħlas għall-bilanċ rimanenti mill-prezz tal-bejgħ.*

*L-attur xehed illi għamel diversi xogħlijiet fil-post illi xtara. Dwar dan il-konvenut xehed illi hu u martu kienu ilhom jgħixu fl-appartament li nbiegħ lill-attur u li dan l-appartament ma kienx jinneċessita xogħolijiet. Żied jgħid illi x-xogħlijiet li saru fl-appartament saru biss għaliex hekk xtaq l-attur. Da parti tiegħu l-attur jgħid illi wettaq dawn ix-xogħlijiet u lesta l-post għall-gosti tiegħu waqt illi fil-frattemp beda jħallas lil ħuh skont kif pattwit.*

*Dak iż-żmien l-attur kien qiegħed jgħix fl-appartament flimkien mas-sieħba tiegħu, biss ir-relazzjoni ta' bejniethom sfaxxat għall-ħabta ta' Mejju 2010. Ai termini ta' skrittura privata tal-15 ta' Ġunju 2010 iffirmata bejn l-attur u l-ex-sieħba tiegħu, l-attur kellu jirrifondi lura s-somma ta' €8,500 rappreżentati flus li l-ex-sieħba tal-attur ħarġet għax-xogħlijiet u affarijiet oħra li saru fl-appartament.*

*Mix-xhieda tal-konvenut jirriżulta illi wara li l-attur ma baqax fir-relazzjoni mal-ex-sieħba tiegħu, huwa abbanduna l-appartament tant illi fis-sena 2013 il-konvenut talab lil ħuh jagħtih l-appartament lura u jċedi l-konvenju. L-attur aċċetta bil-patt u l-kondizzjoni li jieħu lura rifużjoni fuq il-ħlas tad-depożitu mħallas fuq il-konvenju kif ukoll kumpens fis-somma ta' €16,706.26 rappreżentanti valur tal-mobbli u xogħlijiet illi l-attur ħalla fil-fond.*

*Fit-13 ta' Mejju 2013 l-attur u l-konvenut iffirmaw bejniethom skrittura privata li taqra hekk:*

*"Jiena Marco Deguara ID No 6421A qiegħed nikkommetti ruħi li għandi nagħti s-somma ta' erbgħin elf euro (€40,000) lil Joseph Deguara ID No. 304974M li minnhom iridu jitnaqqsu tmint elef u ħames mitt ewro (€8500) li ġew mislufin mill-bank HSBC lil Joseph Deguara imma qiegħed inħallashom jien (Marco Deguara), jiġifieri s-somma dovuta minn Marco Deguara hija ta' wieħed u tletin elf u ħames mitt ewro (€31,500) sakemm is-self ikun imħallas kollu mingħand Marco Deguara. Din is-somma msemmija hawn fuq qiegħda ssir fuq post ritornat lura lil Marco Deguara mingħand Joseph Deguara. Il-post hu (83A Javier Triq l-Għannejja Qajjenza Birżebbuġa). Jiena Joseph Deguara qiegħed nikkommetti ruħi li f'dan il-post imsemmi ħa nħalli main bedroom, żewġ (2) spare bedrooms, kċina bl-appliances, mejda u sitt (6) siġġijiet, coffee table, sufan u wallunit."*

*Fl-affidavit tiegħu l-attur jgħid illi huwa ssellef is-somma ta' €10,000 li minnhom ħallas is-somma ta' €8,500 lill-ex-sieħba tiegħu għar-raġunijiet indikati hawn fuq. L-attur spjega illi l-partijiet qablu bejniethom illi dan is-self jitħallas lura mill-intimati kif del resto ġie rifless fl-iskrittura appena riprodotta. L-attur żied jgħid illi huwa kien ukoll silef lill-konvenuti s-somma ta' €1,500 bl-iskop illi din is-somma tintuża mill-konvenuti għal sanctioning illi dawn kellhom jagħmlu fuq il-bejt u l-kamra tal-bejt. L-attur jgħid għalhekk illi l-konvenuti li baqgħu inadempjenti minkejja varji interpellazzjonijiet, illum huma debituri tiegħu fis-somma ta' €35,900 in kwantu s-somma ta' €31,500 rappreżentanti bilanċ li sal-lum għadu dovut fuq il-ftehim tat-13 ta' Mejju 2015 kif ukoll is-somma ta' €4,400 rappreżentanti bilanċ fuq self mill-bank HSBC u liema self l-intimati obbligaw ruħhom illi jħallsu lura huma stess.*

*Fix-xhieda tiegħu in subizzjoni quddiem din il-Qorti, il-konvenut ikkonferma l-iskrittura tat-13 ta' Mejju 2013, biss xehed illi din l-iskrittura ffirmaha mingħajr ma qraha. Xehed illi lanqas il-kunsens tal-mara tiegħu u ċioè tal-konvenuta ma kien kiseb għar-raġuni li dik il-ħabta kien mifrud minnha.*

*Ukoll waqt illi kien qiegħed jixhed in subizzjoni, l-intimat iddikjara li huwa dispost iħallas lura s-somma ta' Lm10,000 rappreżentanti depożitu mħallas mill-attur fuq il-konvenju tas-6 ta' Settembru 2007. F'dan ir-rigward l-intimat esebixxa kopja ta' ftehim datat 9 ta' Diċembru 2010 li ġie ffirmat bejn l-attur u l-konvenuti għar-rigward il-ħlas lura tad-depożitu fuq il-konvenju.*

*L-intimat però xehed illi qatt ma kien hemm ftehim fir-rigward tal-ħlas tas-somma ta' €16,000 li l-attur jgħid hija rappreżentanti għamara u xogħolijiet li l-attur stess għamel u ħalla fl-appartament.*

*Finalment, l-intimati ppreżentaw in atti għadd ta' riċevuti li juru*

*ħlasijiet li saru mill-intimati ai termini tal-iskrittura tat-13 ta' Mejju 2015 liema ħlasijiet saru direttament fil-kont tal-attur fuq medda ta' snin.*

*Fil-mertu, il-kwistjoni bejn il-partijiet mhijiex dwar id-debitu per se iżda dwar l-ammont dovut stante illi waqt illi l-konvenut jirrikonoxxi li huwa debitur tal-attur fis-somma ta' Lm10,000 ekwivalenti għal ċirka €23,293, l-attur qiegħed jippretendi ħlas lura fis-somma komplessiva ta' €35,900.*

*Jibda biex jingħad illi għad illi fir-risposta ġuramentata l-intimati jallegaw illi l-iskrittura tat-13 ta' Mejju 2013 hija l-frott ta' frodi perpetrat mill-attur, la fix-xhieda tiegħu in subizzjoni u lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-intimati ma elaboraw dwar din l-allegazzjoni. Għalhekk, l-uniku aċċenn għall-frodi jibqa' dak fir-risposta ġuramentata. In ogni każ, il-Qorti tqis illi din l-allegazzjoni ma ssib ebda konfort fl-atti. Il-konvenut irrikonoxxa u kkonferma l-iskrittura tat-13 ta' Mejju 2013 li kopja tagħha tinsab esebita fl-atti. Terġa' u tgħid lanqas ma jidher illi l-konvenut ħa xi passi legali fil-konfront tal-attur sabiex jattakka l-validità ta' dik l-iskrittura. Il-Qorti tqis għalhekk illi din l-eċċezzjoni hija waħda frivola.*

*Il-Qorti tinsab rinfaċċjata b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot l-ammont dovut.*

*L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

*...*

*Abbażi tal-iskrittura tat-13 ta' Mejju 2013 jidher illi l-kostituzzjoni ta' debitu saret għas-somma ta' €40,000 li minnhom kellha titnaqqas is-somma ta' €8,500 liema somma, għalkemm mislufa mill-Bank HSBC lill-attur, kellha titħallas lura mill-intimati. Għalhekk, fuq l-imsemmija skrittura ġie mniżżel bi kliem ċar u tond illi "somma dovuta minn Marco Deguara hija ta' wieħed u tletin elf u ħames mitt ewro (€31,500)".*

*Mas-somma ta' €31,500 li l-attur jgħid illi għada ma tħallsitx lura, l-attur qiegħed jippretendi wkoll il-ħlas tas-somma ta' €4,400 li l-attur jgħid hija rappreżentati bilanċ mis-somma ta' €10,000 li l-attur issellef mill-bank.*

*Fir-rigward tas-self mill-bank, l-iskrittura privata ffirmata bejn il-partijiet tgħid ċar u tond, fi kliem sempliċi li ma jippermetti ebda interpretazzjoni mġebbda, illi minn dan is-self l-intimat obbliga ruħu illi jħallas is-somma ta' €8,500. Imkien ma jingħad illi l-*

*intimat obbliga ruħu għar-rifużjoni tal-ammont intier misluf. Fit-tieni lok, dejjem għar-rigward il-kwistjoni tas-self mill-bank, kien jinkombi fuq l-attur illi jiskarika l-piż tal-prova dwar il-bilanċ li sal-lum għadu jrid jitħallas. Din il-prova ma saritx għaliex waqt li l-attur fil-fatt illi jippreżenta kopja tal-ftehim tas-self ma ppreżentax ukoll statement tal-bilanċ li fadal jitħallas lura. Mill-banda l-oħra il-konvenut ippreżenta fl-atti għadd ta' riċevuti li jindikaw ħlas minnu fil-kont tal-attur. Mhux magħruf però jekk tali pagamenti sarux akkont tal-ammont pattwit fuq l-iskrittura privata tat-13 ta' Mejju 2013 inkella akkont tas-self mill-bank. Minn konteġġ tal-ammonti riflessi fl-irċevuti esebiti a fol. 158 sa 204 tal-proċess jirriżulta illi l-intimati ħallsu komplessivament is-somma ta' €6,840. Il-Qorti tosserva li x-xhieda tal-konvenut dwar il-fatt li għamel xi pagamenti kif ukoll il-prova permezz tal-irċevuti appena msemmija la ġew kontradetti u lanqas kontrastati.*

*Konfrontata b'kunflitt ta' provi l-Qorti trid tgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, il-Qorti trid tagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Il-Qorti tqis illi l-verżjoni fornita mill-konvenut illi dan diġà radd lura parti mis-somma ta' €40,000 hija suffiċjentement korroborata fl-atti permezz tal-irċevuti bankarji li juru numru ta' pagamenti li ġew mgħoddija mill-konvenut lill-attur. Mill-banda l-oħra anki l-attur jgħid is-sewwa meta jgħid li għad fadal bilanċ x'jitħallas. Il-Qorti però ma taqbilx li l-ammont dovut huwa dak pretiż mill-attur fis-somma komplessiva ta' €35,900. Tgħid dan għaliex jekk mis-somma globali ta' €40,000 wieħed inaqqas is-somma ta' €6,840 liema ammont diġà ġie mħallas, jifdal bilanċ komplessiv fis-somma ta' €33,160.*

*Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib illi l-konvenuti huma debituri tal-attur għas-somma ta' €33,160.»*

8. Il-konvenuti Marco u Romina Deguara appellaw minn din is-sentenza u ressqu żewġ aggravji biex titħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

9. Fl-ewwel aggravju tagħhom huma jgħidu li t-talbiet tal-attur huma preskritti skont l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**, peress li l-kitba privata saret fit-13 ta' Mejju, 2013 u din il-kawża nfetħet fit-22 ta' Ottubru, 2018.

Filwaqt li fit-<u>tieni aggravju</u> tagħhom, huma jisħqu li l-Ewwel Qorti messha emmnet lill-konvenut Marco Deguara u mhux lill-attur Joseph Deguara dwar ix-xogħlijiet u t-titjib li saru fil-mezzanin. Isostnu li l-konvenut Marco Deguara kien aċċetta li jħallas lura biss il-flejjes li kien ġabar mill-konvenju u mhux ukoll li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li saru fil-post.

10. L-attur Joseph Deguara wieġeb għal dan l-appell fil-25 ta' Jannar, 2023 u qal hekk: (i) li l-ewwel aggravju marbut mal-preskrizzjoni tal-azzjoni għandu jiġi miċħud għaliex il-preskrizzjoni ġiet miksura kemm bl-ittra uffiċjali tat-13 ta' Settembru, 2017 u kif ukoll bl-istqarrija tal-konvenut stess li aċċetta li parti mill-ammont huwa dovut; u (ii) li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud ukoll għaliex il-konvenuti għandhom ituh is-somma kollha li ġiet ordnata fis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

11. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Konsiderazzjonijiet**

12. L-**<u>ewwel aggravju</u>** jolqot l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-ħames snin skont l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**. Din l-eċċezzjoni tqajmet għall-ewwel darba mill-appellanti Marco u Romina Deguara fir-rikors tal-

appell tagħha.

13. Skont l-**Artikolu 2112 tal-Kodiċi Ċivili**, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża, imqar fl-appell. Għalhekk la l-liġi stess tgħid li din l-eċċezzjoni tista' titqajjem f'kull waqt tal-proċeduri, allura skont l-**Artikolu 731 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ma hemmx bżonn li l-appellanti jitolbu għall-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti skont l-**Artikolu 728 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex huma jkunu jistgħu jressquha (ara f'dan is-sens ***Patrick Camilleri et nomine v. Dr. Kevin F. Dingli et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Ottubru, 2021 u ***Pauline Xerri et v. Lawrence Vella et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2007).

14. Ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Carmlu Limited v. Joseph Cachia*** deċiża fid-29 ta' Marzu, 2019, li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti konvenuta, billi tmeri li għadda ż-żmien, jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew miksura, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni (ara wkoll ***Guido J. Vella A. & C.E. v. Dr. Emanuel Cefai LL.D.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001).

15. Illi l-appellanti qegħdin jgħidu li l-azzjoni mnedija mill-attur hija

preskritta skont l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili** għaliex għaddew aktar minn ħames snin bejn id-data li ġiet iffirmata l-kitba privata tat-13 ta' Mejju, 2013 u d-data tat-22 ta' Ottubru, 2018, meta ġiet ippreżentata din il-kawża.

16. Dak iżda li ma jgħidux l-appellanti huwa li fit-13 ta' Settembru, 2017, jiġifieri qabel ma laħqu skorrew il-ħames snin, l-appellat Joseph Deguara kien bagħtilhom ittra uffiċjali sabiex huma jħallsuh dak kollu li kien fadlilhom x'jagħtuh mill-ammont imsemmi fil-kitba privata tat-13 ta' Mejju, 2013. Din l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lilhom fit-18 ta' Settembru, 2017.

17. Issa skont l-**Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili**, il-preskrizzjoni tista' tinkiser b'att ġudizzjarju bħalma hija l-ittra uffiċjali. L-għan wara li tintbagħat l-ittra uffiċjali hu biex il-kreditur iżomm sħaħ il-jeddijiet tiegħu kontra d-debituri tiegħu (ara ***Alfred Stivala v. Oliver Agius*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2012). Biex jista' jinkiser iż-żmien tal-preskrizzjoni, l-att ġudizzjarju jrid jintbagħat meta ż-żmien tal-preskrizzjoni ma jkunx għadu għalaq (***Simon Borg nomine v. Carmelo Bugeja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004).

18. Sewwasew f'dan il-każ l-ittra uffiċjali ġiet mibgħuta mill-appellat Joseph Deguara u ġiet notifikata lill-appellanti qabel ma kien għadda ż-

żmien ta' ħames snin imsemmi fl-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.** Minn dakinhar li ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali fit-13 ta' Settembru, 2017, il-preskrizzjoni ta' ħames snin bdiet miexja mill-ġdid (**Artikolu 2136(2) tal-Kodiċi Ċivili**).

19. Bejn it-13 ta' Settembru, 2017 u t-22 ta' Ottubru, 2018, meta ġiet ippreżentata din il-kawża, ma laħqux għaddew il-ħames snin imsemmija fl-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**. Għalhekk il-preskrizzjoni mqanqla mill-appellanti ma tistax tiġi milqugħa.

20. F'dan il-kuntest, huwa minnu li l-ittra uffiċjali ġiet imdaħħla għall-ewwel darba fl-atti ta' din il-kawża mal-preżentata tar-risposta tal-appell u suppost skont l-**Artikolu 145 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta** ma setgħux jinġiebu dokumenti ġodda flimkien mar-risposta tal-appell ħlief bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, madankollu din il-Qorti tapprezza li l-kwistjoni tal-preskrizzjoni qamet biss mill-appellanti fl-istadju tal-appell u għalhekk l-appellat kien ġustifikat li jressaq prova ta' att ġudizzjarju biex juri l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

21. B'żieda ma' dan huwa magħruf fil-ġurisprudenza tagħna, li anke jekk atti ġudizzjarji ma jiġux preżentati fl-atti ta' kawża, il-qrati tagħna xorta waħda għandhom iqisuhom fil-ġudizzju tagħhom, ladarba atti ġudizzjarji huma atti ppreżentati fir-reġistru u allura hemm mezz biex

dawn ikunu jistgħu jiġu aċċertati u verifikati li jeżistu (ara ***Joseph Bajada et v. Alfred Mallia*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2013).

22. Bil-preżentata tal-ittra uffiċjali mar-risposta tal-appell, l-appellat iffranka l-ħin lill-Qorti milli toqgħod tfittixha hi mir-reġistru. Din il-Qorti għalhekk qiegħda taċċetta li tħalli din l-ittra uffiċjali bħala parti mill-atti tal-kawża.

23. Terġa' u tgħid, barra li l-preskrizzjoni ġiet miksura mill-appellat permezz tal-ittra uffiċjali, jirriżulta li l-preskrizzjoni ġie miksura wkoll bl-ammissjoni stess ta' parti mid-dejn min-naħa tal-appellant Marco Deguara, meta dan stqarr waqt ix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti (ara paġna 98 u 144 tal-atti tal-kawża), li huwa kien qed jaqbel li kellu jħallas lura lill-appellat il-flejjes li kien irċieva bħala depożitu mill-konvenju li ġie maħlul, tant li kien anke għamel xi ħlasijiet minnhom. Dan il-fatt li l-appellanti għandhom jagħtu lura d-depożitu li ġabru mill-konvenju ġie saħanistra mtenni wkoll fit-tieni aggravju tal-appell tagħhom.

24. Illi kif ingħad dan l-aħħar mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***George Falzon v. Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku*** deċiża fit-30 ta' Marzu, 2022, l-għarfien tad-dejn min-naħa tad-debitur iġib miegħu l-ksur taż-żmien tal-preskrizzjoni (ara **Artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili**), u l-ħlas min-naħa tad-debitur jew ta' xi ħadd f'ismu mqar akkont tad-dejn ukoll iġib l-

istess effett (ara **Artikolu 2134 tal-Kodiċi Ċivili**).

25. F'din il-qagħda l-appellanti lanqas ma jistgħu jsibu wens fl-argument li huma ma aċċettawx li għandhom iħallsu l-ammont kollu msemmi fil-kitba privata tat-13 ta' Mejju, 2013. Dan għaliex huwa miżmum fil-ġurisprudenza, li kull eċċezzjoni jew difiża fis-sens li l-ammont mitlub mill-attur huwa esaġerat jew mhux kollu dovut fl-ammont mitlub, hija inkonsistenti mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għaliex fiha dejjem jibqa' l-ħjiel ta' ammissjoni tad-dejn (ara ***Maria Carmela Xuereb v. Chantel Xuereb Mulvaney et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022).

26. Tħares minn fejn tħares id-difiża tal-preskrizzjoni mqanqla mill-appellanti ma tistax tirnexxi, b'dana għalhekk li l-ewwel aggravju tagħhom qiegħed jiġi miċħud.

27. Il-Qorti sejra tissokta biex tistħarreġ issa t-**tieni aggravju** fejn l-appellanti qegħdin jargumentaw li l-Ewwel Qorti għarblet ħażin il-provi meta ordnat li huma għandhom iħallsu wkoll lill-appellat tal-ispejjeż li dan jgħid li għamel fil-mezzannin suġġett għall-konvenju. L-appellanti jisħqu li, «*L-intimat kien aċċetta li għandu jirrifondi lura d-depożitu, imma qatt ma aċċetta li kellu jħallas dak li tnižżel fl-iskrittura tal-2013*.»

28. Huwa ċar li bis-saħħa ta' dan l-aħħar aggravju, l-appellanti qegħdin jattakkaw l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li l-Ewwel Qorti għamlet biex tara liema verżjoni kellha temmen u toqgħod fuqha.

29. Kif inhuwa fid-dmir tagħha illi tagħmel, din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha tal-kawża u qiegħda tasal għall-istess fehma li waslet għaliha l-Ewwel Qorti.

30. Ibda biex l-appellant Marco Deguara ffirma kitba privata fit-13 ta' Mejju, 2013, fejn huwa stqarr li għandu jħallas b'kollox lill-appellat Joseph Deguara s-somma ta' €40,000.

31. Fl-eċċezzjonijiet tagħhom, l-appellanti kienu qalu bil-ġurament tagħhom li l-firma f'dik il-kitba ma kinitx ta' Marco Deguara. Din il-verżjoni tagħhom però ġiet maħnuqa għalkollox mill-appellant Marco Deguara stess, meta f'żewġ okkażjonijiet differenti, fis-7 ta' Marzu, 2019 (ara paġna 98 tal-atti tal-kawża) u fit-13 ta' Ottubru, 2020 (ara paġna 144 tal-atti tal-kawża), huwa xehed quddiem l-Ewwel Qorti u stqarr li huwa kien iffirma dik il-kitba.

32. Tul l-ewwel xhieda tiegħu, l-appellant Marco Deguara jgħid iżda li huwa ffirma din il-kitba mingħajr ma ġab l-ewwel il-kunsens ta' martu. Din ir-raġuni iżda ma twaqqax is-siwi tal-kitba privata tal-2013, ladarba ma

ntweriex li martu, l-appellanta Romina Deguara, mexxiet b'kawża taħt l-**Artikolu 1326 tal-Kodiċi Ċivili** biex tħassar din il-kitba (ara ***John Grima v. Victor Borg et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2008).

33. Waqt it-tieni xhieda tiegħu mbagħad, l-appellant Marco Deguara qal li huwa kien qabad u ffirma l-kitba privata mingħajr ma qara x'kien hemm fiha. Għal din il-Qorti iżda, lanqas din il-verżjoni ma tista' titqies bħala waħda fejjieda. L-appellant Marco Deguara messu qara għal xiex kien qed jiffirma u żgur li ma jistax jistaħba wara t-traskuraġni tiegħu biex jipprova jaħrab mill-obligazzjonijiet li daħal fihom bil-firma tiegħu. Jekk verament ma kienx jaf x'kien qed jiffirma, huwa żbalja meta qagħad fuq il-kelma ta' ħaddieħor u ffirma fl-għama (ara f'dan is-sens ***George Cini v. George Felice*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju, 2008).

34. Fuq kollox, din il-Qorti lanqas ma hi wisq konvinta li l-appellant Marco Deguara ma kienx jaf x'fiha l-karta li l-appellat Joseph Deguara għaddielu għall-firma, meta wieħed iqis li din il-karta kien fiha biss paragrafu wieħed x'jaqra.

35. B'żieda ma' dan, anke mingħajr il-firma ta' din il-karta, hemm biżżejjed provi mill-atti tal-kawża li juru l-konvenuti għandhom iħallsu lill-attur mhux biss tad-depożitu li ħadu mill-konvenju iżda anke tax-xogħlijiet li l-attur għamel fil-mezzanin u tal-affarijiet li ħalla fil-post.

36. Ibda biex hemm l-affidavit tal-attur Joseph Deguara (ara paġna 60 tal-atti tal-kawża) fejn f'paragrafu 7 tiegħu jagħmel lista sħiħa kemm tax-xogħlijiet li għamel fil-mezzanin, kif ukoll lista ta' oġġetti li daħħal fil-mezzanin. Mal-affidavit tiegħu huwa ppreżenta wkoll għadd ta' ritratti biex juri x'biddel fil-mezzanin. Għar-raġunijiet tagħhom, l-appellanti ma għamlu qatt il-kontro-eżami tal-attur u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex raġuni tajba għalfejn m'għandhiex temmnu.

37. Minbarra dan, hemm ukoll ix-xhieda ta' Adrianne Grima li qalet li l-appellat Joseph Deguara kien rama l-post u anke għamel bosta xogħlijiet ta' tiswija fejn meħtieġ (ara paġna 136 tal-atti tal-kawża).

38. Tassew għalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellanti meta fl-aggravju tagħhom jgħidu li l-għarbiel korrett tal-provi kellu aktar ixaqleb favur it-teżi tal-konvenuti appellanti milli favur it-teżi tal-attur appellat.

39. Wara kollox, l-appellanti ma ressqu l-ebda xhud li b'xi mod giddeb lill-appellat, bħalma lanqas ma ressqu provi li juru li l-appellat kien qiegħed iħawwad fi kliemu.

40. Mod ieħor anzi, jirriżulta li mhux biss l-appellanta Romina Deguara ma xehditx f'dawn il-proċeduri biex tmeri jew twaqqa' l-verżjoni tal-attur,

imma għandek ukoll ix-xhieda tal-appellant Marco Deguara, li aċċetta li Joseph Deguara kien għamel xi xogħlijiet fil-post bħal bdil fis-sistema tad-dawl u twaħħil ta' suffitti (ara paġna 144 tal-atti tal-kawża).

41. Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk l-Ewwel Qorti mxiet sew, meta anke fin-nuqqas ta' rċevuti, ordnat lill-konvenuti jħallsu lill-attur mhux biss tad-depożitu li żammew mill-konvenju, imma anke tal-ispejjeż li l-appellat nefaq fil-mezzanin. Jiġi b'hekk, li anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell ta' Marco u Romina Deguara, bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da